**MINUTI**

**KUNSILL LOKALI ŻURRIEQ**

**IT-TMIEN LEĠISLATURA**

**LAQGĦA NUMRU SITTAX**

**26 ta' LULJU, 2016**

Il-Kunsill Lokali Żurrieq iltaqgħa fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz ċentru tal-Komunita Joe Cassar, Triq Pietru Pawl Saydon, Żurrieq fis-6.30 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI**

Is-Sindku s-Sinjur Ignatius Farrugia, l-Viċi Sindku s-Sinjura Rita Grima, u l-Kunsilliera Dr Jean Pierre Attard, s-Sinjorina Tiffany Ann Farrugia, s-Sur Joseph D'Amato, s-Sur Pierre Farrugia, s-Sur Kenneth Farrugia, s-Sur David Abdilla u s-Sur Dino Bonnici.

**Ambaxxatur taż-Żgħażagħ**

Is-Sur Kaydem Schembri nforma li ma setgħax jattendi.

**UFFIĊĊJAL PREŻENTI**

Is-Segretarju Eżekuttiv Josianne Cilia Mumford.

Is-Sindku Ignatius Farrguia ppreseda s-seduta.

**MINUTI**

**16.1** ***KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI***

16.1.1 Fir-rigward ta' punt 15.9.7, il-Kunsillier Dino Bonnici staqsa lis-Segretarju Eżekuttiv jekk il-Kunsill kellux risposta mid-Direttur tal-Gvern Lokali, jekk fl-attivitajiet jistgħux isiru tombli. Is-Segretarju Eżekuttiv wieġbet fin-negattiv u nfurmat li ser tibgħat *reminder*.

16.1.2 Il-Kunsillier Dino Bonnici staqsa jekk l-Kunsill kellux risposta mill-Onorevoli Deborah Schembri fir-rigward ta' art li l-Kunsill ġie mwiegħed qabel l-elezzjoni li ser tkun devoluta lilu. Is-Segretarju Eżekuttiv wieġbet fin-negattiv.
Kien hemm qbil unanimu li l-Kunsill jerġgħa jikteb u fil-korrispondenza tiegħu jinkludi lill-Onorevoli Owen Bonnici u Stefan Buontempo.

16.1.3 Il-Kunsillier Dino Bonnici rrefera għall-punt 15.9.10 u rringrazzja lill-Kunsill, tal-okkoljenza li ta lill-*ex player* tal-*football* Adelmo Paris, fil-Kunsill.

16.1.1 Ġew approvati l-minuti tal-ħmistax –il seduta.

***16.2 APPROVAZZJONI TAL-MINUTI TAL-KUMITAT AMMINISTRATTIV TA' BUBAQRA, KUNSILL LOKALI ŻGĦAŻAGĦ***

16.2.1 Il-minuti tas-seduta tal-Kumitat Amministrattiv ta' Bubaqra ma setgħux ikunu approvati f'din il-laqgħa minħabba li saru illum stess.

15.2.2 Ma kienx hemm minuti tal-Kunsill Lokali Żgħażagħ x'jiġu approvati.

***16.3 APPROVAZZJONI tal-minuti tar-Reġjun Nofsinhar***

16.3.1 Ma kienx hemm minuti tar-Reġjun Nofsinhar x'jiġu approvati.

***16.4 KOMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU***

16.4.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ġibded l-attenzjoni li minn issa 'l quddiem il-proċedura tat-tenders ser tinbidel u l-proċedura ser issir kollha elettronikament. Hi qalet li ser ikun hemm bżonn żewġ persuni mill-Kunsill li jiftħu t-tenders u żewġ persuni oħra li jiffirmaw elettronikament li tali tenders ġew aġġudikati.

Kien hemm qbil li l-persuni jkunu kif ġej:
Għall-ftuħ: is-Sindku Ignatius Farrugia u l-Kunsillier Pierre Farrugia
Għall-aġġudikar***:*** Il-Kunsilliera Jean Pierre Attard u Tiffany Ann Farrugia

16.4.2 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li l-ECO wardens li tqabbdu fuq *littering,* ħarku tliet persuni u wissew persuna oħra. Dawn kienu kollha fuq ħmieġ tal-klieb.

16.4.3 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li permezz ta' facebook, il-Kunsill qed jirċievi lment minn persuna b'diżabilita' li mhux possibbli għaliha li taghddi minn Triq Wied iż-Żurrieq bil-*wheelchair*. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li kellha korrispondenza mad-Direttur tax-Xogħlijiet u Infrastrutta biex ix-xogħol isir minnhom. Imma d-Direttur aċċetta li jekk il-Kunsill

iħallas tal-materjal li jlaħħaq għal €15,000, id-dipartiment għax-xogħlijiet u nfrastruttura jħallas għax-xogħol.

Kien hemm qbil unanimu li l-persuna li qed titlob dan ix-xogħol tkun identifikata u li l-Kunsill jitlob lid-Direttur tax-Xogħlijiet u Infrastruttura biex jgħaddi l-pjanta tax-xogħol li hu pproponut li jsir. Wara l-Kunsill jitlob lill-perit tiegħu jagħti stima tax-xogħol. Dan il-każ jerġa jitqajjem f'seduta oħra.

16.4.4 Is-Segretarju Eżekuttiv ġibdet l-attenzjoni li l-polza tal-assigurazzjoni tal-Kunsill Lokali waslet biex tiskadi u ser ikun hemm bżonn li tiġi mġedda b'xagħar, sakemm il-Kunsill jaġġudika l-kwotazzjoni li ħarġet.

16.4.5 Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet email mibgħuta minn District Operations fejn staqsiet jekk il-Kunsill jafx li persuna oħra ridet tiġi taħdem mal-Kunsill Lokali taż-Żurrieq.

Kien hemm qbil li l-Kunsill f'dan il-mument m'għandux bżonn aktar ħaddiema assenjati miegħu.

16.4.6 Is-Sindku Ignatius Farrugia qal li l-Kunsill reġgħa rċieva stedina fuq l-attivita' li jagħmlu kull sena l-belt ta' Morphu u stieden lill-Kunsillier David Abdilla biex jattendi f'isem il-Kunsill. Kien hemm qbil fuq dan.

16.4.7 Is-Sindku nforma lill-Kunsill li għada ser tibda l-ġita li l-Kunsill għandu ġewwa San Marino, fejn flimkien miegħu u mar-residenti u l-orkestra ser jitligħu l-Kunsilliera Joseph D'Amato u David Abdilla. Hu kompla billi rringrazzja lill-Kunsillier Joseph D'Amato li kien il-mutur wara din il-mawra u wara l-orkestra u lill-istaff tad-dedikazzjoni u x-xogħol li kellhom biex jiġi organizzat kollox.

***16.5 Rapport Finanzjarju ta' kull kwart – It-Tieni kwart***

16.5.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet ir-rapport finanzjarju tat-tieni kwart tas-sena maħdum mill-Accountant tal-Kunsill. Ir-rapport ġie approvat biex jiġi ppublikat.

***16.6 Proġett ta' Siġar – Kunsill Konsultattiv għan-Nofsinhar ta' Malta (kien preżenti s-Sur Oswaldo***

***Pace)***

16.6.1 Is-Sur Oswaldo Pace reġgħa ma attendix għas-seduta u din id-darba mingħajr ma avża.

***16.7 Proposta dwar investiment għall-pitch tal-boċċi fl-akwata tal-Bebbux.***

16.7.1 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lill-Kunsill li ġie mitlub jagħti l-proposti tiegħu għall-pitch tal-boċċi f'tal-Bebbux, li bħallissa jinsab abbandunat.

Il-Kunsillier Dino Bonnici qal li biex jintlaħaq l-kunċett sportiv li hemm fl-akwata ta' dan il-pitch, jissuġġerixxi li l-proġett ikun jikkonsisti f'safety material mal-art u out door gym equipment fuqu.
Kien hemm qbil li jsiru l-pjanti tal-art, biex il-Kunsill ikun jista jibda jitlob kwotazzjonijiet, ħalli jkun preparat għall-budget tas-sena li jmiss.

***16.8 Approvazzjoni – Permessi tal-Festa ta' Santa Katarina VM***

16.8.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet l-applikanti għall-permessi tal-gabbani għal waqt il-festa li jmiss.
Kien hemm qbil li ma jiżdidux iżjed permessi, anke jekk jonqsu dawk eżistenti.

Minħabba l-argumenti li reġgħu nħolqu bejn is-sidien tal-gabbani, fil-festa li għadha kemm għaddiet, kien hemm qbil li l-Kunsill jaħtar kummissjoni magħmula mill-Kunsilliera David Abdilla, Pierre Farrugia, Kenneth Farrugia u Dr Jean Pierre Attard. Din il-Kummissjoni għandha tara kif il-Kunsill ser jipproċedi fuq il-permessi.

Għall-festa li jmiss kien hemm qbil li jiġu mmarkati marki mal-bankina li jindikaw il-qisien ta' kull gabbana u mal-permess li jingħata s-sidien jiffirmaw li mhux ser joħorġu 'l barra mill-qies mogħti lilhom.

F'dan il-ħin is-Sindku ħareġ mis-seduta.(ħin 19:50)
F'dan il-punt kompliet tippresjedi s-seduta l-Viċi Sindku Rita Grima.

***16.9 Increament tal-impjegati Charmaine Atanasio u Francesca Camilleri***

16.9.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet għall-approvazzjoni l-increament tal-impjegati Charmaine Atanasio u Francesca Camilleri.
Kien hemm qbil li jingħata tali increament.

***16.10 Approvazzjoni:Xogħlijiet u Servizzi***

16.10.1 Il-Kunsillier Dino Bonnici ssuġġerixxa li:

- jiġu kkuntatjati l-Kumpanija Go biex jiġi pproponut, li jinstallaw magna elettronika fiż-Żurrieq, li tista tħallas il-kontijiet u tittopja l-cards minnha.
- Tinbidel tabella li tindika 'One way' fi Triq San Bartilmew k/m Triq San Pawl

Kien hemm qbil fuq dan.

16.10.2 Il-Kunsillier Joseph D'Amato ssuġġerixxa li titneħħa s-sleeping policeman li saret l-aħħar fi Vjal il-Blue Grotto, minħabba l-inkonvenjenza li qed tagħmel lir-residenti u minħabba d-dgergir li qed ikun hemm fuqha. Hu nforma li l-persuna li kienet ipproponieta issa mietet.

Kien hemm qbil li jintalab il-permess biex titneħħa.

F'dan il-ħin il-Kunsillier Tiffany Ann Farrugia ħarġet mis-seduta (ħin 20:00)

16.10.3 Il-Kunsillier Kenneth Farrugia ssuġġerixxa li:

- l-Kunsill jixtri plakka 3 phase sabiex tkun tista tintuża mill-*blood donation unit.* Is-Segretarju Eżekuttiv infrumat li l-Viċi Sindku kienet kellmitha fuq hekk u talbet deskrizzjoni ta' dak mitlub biex ikun mixtri.
- Staqsa jekk id-Direttur tal-Indafa Pubblika s-Sur Ramond Deguara tax risposta għat-talba tal-Kunsill biex jitnaddfu ċerti akwati. Is-Segretarju Eżekuttiv wieġbet fin-negattiv.
- Talab biex isir refresh tal-marki tat-toroq li hemm f'Misraħ Repubblika. Kien hemm qbil fuq dan.
- Qal li l-festun tal-Kunsill baqa' jixgħel lejl sħieħ waqt il-festa tal-Madonna tal-Karmnu. Kien hemm qbil li għall-festa li jmiss jsir l-istess ħaġa.
- Staqsa fuq il-problema tal-għargħar fi Triq Wied Babu. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li kellha laqgħa mal-Perit Edric Micallef minn Transport Malta, fuq il-każ u ser jipprova jsib soluzzjoni hu.
- Talab biex fl-uffiċċju tal-Kunsill ikun hemm ritratt tal-

ex Sindku Tonina Farrugia. Kien hemm qbil li jsir ritratt ta' kull Sindku li ż-Żurrieq kellu s'issa.

16.10.4 Il-Kunsillier David Abdilla qal li:

- iċċekja l-proposta li kienet għamlet f'seduta preċedenti l-Kunsillier Tiffany Ann Farrugia fuq li jkun hemm parkeġġ wara s-Salib ta' Triq il-Kbira u kkonferma li m'hemmx spazju fejn ikun hemm parkeġġ.
- Jeħtieġ li l-Kunsill ineħħi t-'taxi stand' hu minħabba li din għada ma tneħħietx minn Transport Malta għalkemm ġiet approvata.

Kien hemm qbil fuq dan.

16.10.5 Il-Kunsillier Jean Pierre Attard talab li titnaddaf Triq Wied Ganu minn ħaxix u materjal ieħor. Kien hemm qbil fuq dan.

16.10.6 Il-Kunsillier Jean Pierre Attard informa lill-Kunsill li nhar it-Tnejn hemm public consultation minn Gal Xlokk, fuq fondi li ser jinħarġu fit-tliet snin li ġejjin u min irid mistieden li jattendi.

16.10.7 Il-Kunsillier Jean Pierre Attard staqsa jekk il-Kunsill hux ser japplika għal fondi ta' restawr li ħareġ il-Gvern. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li ser tieħu ħsieb li tapplika għar-restawr tan-niċċa ta' San Mikiel.

Kien hemm qbil fuq dan.

16.10.8 Kien hemm qbil li f'kull seduta jibda jinxtara xi ikel, biex jittiekel fl-istess seduta.

***16.11 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-ISKEDA TA' PAGAMENTI***

16.11.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżentat l-iskeda ta' pagamenti anessa bħala **Dok 1** għall-ammont totali ta'**€49,649.83.**

Il-mozzjoni għaddiet u l-iskeda ta' pagamenti ġiet iffirmata mill-Viċi Sindku Rita Grima u mill-Kunsilliera Pierre Farrugia u Dino Bonnici.

***16.12 DATA GĦAS-SEDUTA LI JMISS***

16.12.1 Il-laqgħa ntemmet b'dan l-item fuq l-aġenda fit-20:00.

Il-Kunsilliera preżenti qablu li d-data tal-laqgħa li jmiss issir nhar l-Erbgħa 24ta' Awwissu, 2016 fis-6.00ta' filgħaxija.

Konfermati, illum 24 ta' Awwissu, 2016.

| | |
|---|---|
| IFFIRMAT | IFFIRMAT |
| Ignatius Farrugia | Josianne Cilia Mumford |
| **Sindku** | **Segretarju Eżekuttiv** |